**IL-MALTI**

QARI LI TOĦROĠ — MARZU

L-AKKADEMJA TAL-MALTI — 1976

## EDITORJAL:

# WARA L-LAQGĦA ĠENERALI

*Ilmintajna kemm-il darba minn dawn il-paġni editorjali juq in-nuqqas ta' ħeġġa jew aħjar fuq kemm xi membri ma għadhomx jimpurtahom mill-Akkademja. Dan reġa' deher ċar meta fil-laqgħa ġenerali li saret fid-9 ta' Marzu kienu ftit dawk li attendew. Għalfejn naħbi l-fatti? Billi tgħid li ma intix marid jew ma turix li inti marid b daqshekk ser tfieq.? Ir-rimedju mhux li taħbi imma li tkun kuraġġuż li tieħu l-pass meħtieġ, tpoġġi sebgħek fuq il-ferita u tfejjaqha anki jekk hemm bżonn taqta' l-laħam. Li kien għalina, kif għedna fl-editorjal ta' qabel, saret taqliba u tgħarbila kbira u sirna naju sewwa min hu membru u min hu numru biss. X'jiswa li tgħid li għandek tant membri meta anqas biss jindenjaw ruħhom jiġu għall-laqgħat ġenerali darba f'sentejn, meta tara li ilhom żmien ma jattendu ebda laqgħa. X'kuntatt għandhom mal-Akkademja, liema interess qed juru? Għaliex jissejħu membri? Għax darba nkitbu, għax għad għandhom isimhom fuq il-listi mejta?*

*Ikun hawn forsi xi ħadd li jidhirlu li f'dawn il-paġni qed inkunu ċari żżejjed u forsi anki negattivi. Imma x'jiswa li titkellem b'ħafna ċirkumlokuzzjonijiet u ħafna allużjonijiet? Isbaħ mill-verità ma hemmx u xejn ma jiftiehem aħjar miċ-ċarezza. Aħjar milli għada jisbaħ u ssib li l-organiżmu mejjet. Hekk jidhrilna li wieħed ikun sinċier u wieħed ikun jaf x'irid u x'jistenna u kulħadd jifhmu. Jekk wieħed jibża' li jgerrex xi membri jew li jurta xi oħrajn, jibqa' jżomm lil dawn il-membri 'l-bogħod mill-Akkademja u l-ħajja tagħha. L-Akkademja ma għandhiex bżonn membri li jinqdew biha, anqas membri li jimlew il-listi tagħha. Aħjar ftit membri u tajba milli ħafna listi ta' ismijiet li mhumiex ħlief ismijiet. Inkella kif għedna fl-aħħar editorjal l-Akkademja tmut u jkun lestilha t-tebut u ħaffrilha l-qabar min ma ħax ħsieb jagħtiha l-ħajja billi jagħti ħajja lill-membri tagħha għax l-Akkademja ma hix il-Kunsill imma l-membri, għall-inqas jekk ma rridux nilludu ruħna. F'laqgħa oħra forsi anqas ikun hemm numru biżżejjed biex jitla' kunsill jew membri biżżejjed lesti li jidħlu fih.*

*Għedna u nerġgħu ngħidu u nibqgħu intabru fuq il-ħtieġa ta' ħajja ġdida, struttura ġdida, statut ġdid, riforma radikali. Nirrivedu l-listi tal-membri, u nippublikaw l-ismijiet ta' dawk li jibqgħu, ninjettaw il-ħajja fihom, ninqdew bi kriterji ta' għażla aħjar. Għall-inqas inkunu nafu fejn aħna qegħdin, il-membri jkunu membri, ikunu taw kontribut u ħadd ma jinqeda iktar b'isem l-Akkademja għall-finijiet tiegħu meta l-Akkademja ma jagħtix kaz tagħha u ma jimpurtahx minnha.*

*Fil-laqgħa ġenerali riedu jiġu studjati żewġ emendi għall-istatut u dan ma setax isir għax skond l-istatut ried ikun hemm żewġ terzi tal-membri akkademiċi preżenti u ma kienx hemm. Jiġifieri dawk li qed jissejħu membri flok li qed igħinu lill-Akkademja, għax isimhom miktub fuq il-listi tagħha żammew il-mixja 'l quddiem. U la terġa' ssir laqgħa oħra, kif maħsub mill-istatut, jibqgħu żgur ma jidhrux. Għax għalkemm isimhom miktub fuq il-listi tal-membri akkademiċi, l-Akkademja ma setgħetx twettaq dak li xtaqet. Dan hu l-kontribut li qed jagħtu dawn il-membri mejta fil-fatt u ħajjin b'isimhom fuq il-lista.*

*Nittamaw li l-Kunsill jistudja din il-kwistjoni sewwa b'urgenza qabel ma jerġa' jlaqqa' l-laqgħa ġenerali li suppost terġa' ssir ħalli jara jistax isolvi l-kwistjoni darba għal dejjem. Mezzi pożittivi hemm u ssuġġerejnielhom. Jeħtieġ li l-membri jkollhom laqgħat spiss bejniethom, laqgħat soċjali, laqgħat kulturali, anki jekk l-Akkademja għall-bidu jkollha toħroġ xi spiża żgħira. Jeħtieġ li nibdew ngħinu lill-membri akkademiċi jippublikaw x-xogħol tagħhom. Hawn numru li għandhom kitbiet tajba letterarjament u ma jistgħux jippublikawhom jew għax finanzjarjament ma jistgħux jidħlu għall-ispiża jew għax ma jafux kif jaqbdu jagħmlu jew għax ħadd ma jagħmillhom kuraġġ. Dan ikun xogħol siewi tal-Kunsill li jista' wkoll iħalli xi qligħ għall-Akkademja u jgħin lill-awtur. B'hekk ukoll ikun qed igħin ferm lill-letteratura Maltija.*

*Mezz ieħor hu li nagħtu ħajja lir-rivista tal-Akkademja "Il-Malti" billi jkollha kontribuzzjonijiet letterarji aħjar, stil u aspett iktar modern u b'hekk tibker iċ-ċirkolazzjoni. Jeħtieġilha publikazzjoni iktar spissa. B'darba fix-xahar tista' toħloq pont sod u siewi bejn il-membri u l-Akkademja.*

*Tkun tista' toffri spazju iktar lill-membri fejn jippublikaw ix-xogħol tagħhom. Tkun tista' tippublika studji serji ta' tiftix. Jekk ser nibqgħu ngħożżu t-tradizzjoni li għax darba kien hekk, għandu jibqa' jsir hekk, qatt ma hu ser isir progress. Mhux għax darba xi ħadd żmien ilu niżżel fl-istatut, skond iċ-ċirkostanzi u l-ħtieġa ta' dak iż-żmien, li "Il-Malti" joħroġ kull 3 xhur għandna nibqgħu marbutin u ma nistgħux niċċaqalqu. Ir-rabta bla raġuni toħnoq kull inizjattiva u tmewwet kull kuraġġ. Dan ukoll għednih darba oħra f'editorjal ieħor u mill-bidu awgurajna li r-rivista tibda toħroġ kull xahar. Anki jekk l-Akkademja jeħtiġilha tagħmel xi sagrifiċċju finanzjarju sakemm tpoġġi r-rivista fuq saqajha ma għandhiex taraha bi kbira. Hi kif inhi r-rivista qed toħroġ bit-telf. Allura għax ma nippruvawx u naraw jistax isir tibdil fuq il-linji li semmejna u li konna ġa tkellimna fuqhom f'editorjali oħra?*

*Ħajja, enerġija, sforzi, nifs ġdid u frisk, dedikazzjoni, interess sinċier għal kawża komuni, kawża nazzjonali, kawża li minnha tiddependi il-ħajja jew il-mewt tal-Akkademja.*

# Bil-Mewt tal-Professur Zarb...
# ...Tlifna Ġawhra Kbira u Għażiża

It-telfa tal-Professur Serafin Zarb ma kinitx telfa għall-Ordni Dumnikan biss, li tiegħu kien iben ħabrieki, eżemplari u għajn ta' ispirazzjoni imma sofrietha Malta kollha. Sofrietha fuq kollox il-Knisja li fih tilfet wieħed mill-aqwa studjużi u l-aktar għorrief tagħha. Malta tilfet minnu iben den, ċittadin ħabrieki u onest, għaref u kolt li ta sehmu bis-sħiħ f'kull qasam tas-soċjetà.

Meta miet il-Professur Zarb kellu 76 sena. Kien twieled il-Belt fl-1899. Wara l-istudji tiegħu fil-Liċeo f'Malta hu mar fl-Angelicum ta' Ruma u ħa il-lettorat u wara sar Majjistru tat-teoloġija. Studja wkoll fl-Ecole Biblique et Archeologique Francaise ta' Ġerusalemm. Il-liċenzjat u d-dottorat tiegħu fl-Iskrittura mqaddsa ħadhom mill-Kummissjoni Biblika Pontifiċja tal-Vatikan.

Fl-Angelicum ta' Ruma fejn studja hu laħaq professur tal-Iskrittura tal-Ilsna Orjentali, kien ukoll professur tal-Iskrittura fil-kulleġġ Beda ġo Ruma. F'MALTA ukoll kien Professur tal-Iskrittura u tal-Ilsna Orjentali u Professur Emeritus fl-Università ta' Malta.

Lill-Ordni Dumnikan hu mhux biss tah is-servizz tal-għerf u l-istudji tiegħu imma wkoll servieh bħala Rettur tal-Kulleġġ St. Albert, bħala Pirjol tal-kunvent tal-Belt, bħala Provinċjal.

Fost l-unuri li qala' l-Professur Zarb insibu li hu kien uffiċjal Gran Prijur tal-Ordni Militari tas-SS.mu Salvatur u ta' Santa Briġida, kien Officier d'Academie Francaise, kien Kappillan tal-Ordni tal-Kuruna ta' Stuart u Uffiċċjal tal-Ordni tal-Imperu Ingliż.

Fil-ħajja soċjali hu ħa sehem attiv u għen bħala saċerdot kull fejn seta'. Ma tispiċċax jekk tibda ssemmi l-għaqdiet li kien membru tagħhom jew kien igħinhom. Kien President onorarju tal-Każini tal-Banda King's Own u ta' Santa Katerina taż-Żurrieq. Kien direttur spiritwali tal-Anglo Maltese Club, kien Chairman tal-Working Committee tal-Malta Relief Fund.

Il-Professur kien membru tal-Malta Historical Society. Kien għal żmien twil, għal 36 sena editur u kittieb ir-rivista xjentifika li joħorgu d-Dumnikani "Scentia" li tista' tgħid kienet biċċa minnu. Fiha kien jikteb kull darba fuq suġġetti differenti.

Għalina mhux biss inħossu li tlifna lil-Professur bħala bniedem studjuż u għaref, professur, u bniedem mimli bl-unuri, bniedem li għamel isem għalih u għal Malta, imma wkoll bħala membru ħabrieki tal-Akkademja li diversi drabi kien fil-Kumitat u ta kontribut siewi lill-għaqda tagħna. It-telfa tiegħu ma nistgħux nibkuha aħna biss imma tibkiha Malta kollha.

# – Rapport Amministrattiv –
# tal-Kunsill ta' l-Akkademja tal-Malti
# – Għas-snin 1974 - 75 –

Meta wieħed jagħti ħarsa lura lejn dawn l-aħħar sentejn jista' jgħid b'ċertu sodisfazzjon li progress mill-Akkademja sar. Nibdew biex ngħidu li l-Kunsill seħħlu jwettaq dak li kien wiegħed qabel liddita Rothmans. Il-Kunsill kien intrabat li jaħdem fuq palk id-dramm li jiġi l-ewwel fil-konkors li huma kienu nidew f'isem l-Akkademja. Id-dramm "B'Irġulija u bl-Onesta'" ta' Kilin (psewdonimu ta' M.C. Spiteri) li kien ħa l-ewwel inħadem. Dan inħadem mhux fuq palk imma fuq t-Televiżjoni Malti fejn allura kellu ferm iktar spettaturi milli kieku inħadem fuq palk ġo teatru. Il-produzzjoni kienet f'idejn is-sur Frans Sammut.

Fil-bidu tal-ħidma tiegħu l-Kunsill ħoloq 5 sotto-kumitati biex hekk iwettaq ċertu xogħol u wara jagħti rapport lill-Kunsill biex hekk jitħaffef ix-xogħol u jitla' iktar. Is-sotto kumitati li nħolqu kienu dawn:

Il-Malti, Hidma Kulturali, Tagħrif, Interessi Finanzjarji tal-Kittieba tal-Malti, Finanzi Akkademja. L-iktar li ħadem kien is-sottokumitat Hidma Kulturali li x-xogħol tiegħu waqa' prinċipalment fuq Dr. Gulia u s-Sinjorina Mary Rose Gatt. Dan organizza għal darbtejn serje ta' taħdidiet kulturali fejn il-pubbliku tlaqqa' wiċċ imbwiċċ mal-Kittieba. Biex jinġibdu l-istudenti għal dawn it-taħdidiet il-programm kien imfassal fuq is-syllabus tal-matrikola avanzata. Nistgħu ngħidu b'sodisfazzjon li dawn il-laqgħat irnexxew u kien hemm attendenza biżżejjed li ħajret lis-sottokumitat li jerġa jibdiehom is-sena ta' wara. Waqt dawn il-laqgħat kulturali inħadmu wkoll xi partijiet mill-kitba studjata mis-sur Charles Caruana u l-grupp tiegħu. U ta' dan aħna ħawn niżżuħħajr bil-qalb. L-ewwel serje ta' laqgħat saret fis-sala tal-Kulleġġ St. Albert tad-dumnikani tal-Belt u t-tieni serje fis-sala tat-teatru tal-Università tal-Belt.

Fi tmien l-ewwel serje ittieħdet l-okkażjoni biex issir il-laqgħa ta' ġieħ li kellha ssir lill-ex-president tal-Akkademja, il-Professur Ġużè Galea u li damet titħalla minn xahar għall-ieħor għal żmien twil għax il-professur ħass li ma kienx il-waqt li ssir billi s-sinjura tiegħu ma kinitx tiflaħ.

F'Diċembru li għadda mbagħad saret ukoll laqgħa mużika-let-

terarja fejn inħadmu xi biċċiet mill-grupp tas-sur Caruana, indaqqu xi biċċiet tal-mużika mill-Youth Travel Circle, minn Fr. David Azzopardi MSSP u mill-istudenti tal-Iskola Sekondarja. Id-dħul għal din il-laqgħa sar bil-ħlas biex hekk wieħed igħin il-fond tal-Akkademja u jnaqqas ftit mill-ispejjeż li kienu qed isiru għal-laqgħat kulturali.

Is-sotto-kumitat Tagħrif baqa' wkoll jiltaqa' u jkompli x-xogħol tiegħu ta' reviżjoni u qed jistudja l-aħħar żviluppi.

F'Novembru tas-sena l-oħra l-Kunsill ħass li kellu jagħmel protesta serja lill-Prim Ministu u lill-Parlament kollu fuq l-abbozz ta' liġi li kien ressaq biex f'ċerti każi l-liġijiet isiru b'ilsien wieħed. Il-protesta ntbagħtet lill-E.T. Gvernatur, lill-Onor. Prim. Ministru, lit-Tliet Isqfijiet, lill-Membri Parlamentari kollha, lill-Imħallfin u lill-Maġistrati, lill-Kamra tal-Avukati u lil dik tal-Prokuraturi legali, lill-istampa u lill-meżżi tax-xandir, lill-membri tal-Akkademja, lill-Fakultà tal-Liġi fl-Univesità Rjali u lill-għaqdiet tal-Malti. F' "Il-Malti" fejn dehret il-protesta nkitbet ukoll daħla għaliha fejn intwera ċar u bla tlaqliq kif taħsibha l-Akkademja. Jisgħobbina li minkejja l-protesta b'kollox kif ukoll minkejja l-protesti li saru minn korpi kostitwiti oħra u membri individwali l-Gvern xorta baqa' miexi bil-liġi u għaddieha kif kienet.

Kwistjoni oħra importanti li ħa ħsieb il-Kunsill kienet il-ksib ta' dar xierqa għall-Akkademja. Is-segretarju kiteb lill-Onor. Ministru tad-Djar fejn talbu l-għajnuna tal-gvern biex l-Akkademja tikseb post xieraq u ċentrali fejn tkun tista' twettaq il-ħidma tagħha u fuq hekk ukoll inkiteb editorjali f' "Il-Malti". Id-dipartimenti tal-artijiet offra xi tliet postijiet li marru jarawhom il-President u s-Segretarju imma sabu li ma kinux adattati. Meta l-uffiċjal inkarigat id-deċieda li ma jkunx possibbli li jagħtina post, is-segretarju reġa' kiteb ittra oħra u insista li l-Akkademja għandu jkollha l-post tagħha. S'issa ma sarux żviluppi oħra ħlief li bagħtu jgħidulna li l-ittra tagħna rċevewha. Qalulna wkoll li jekk inkunu nafu b'xi post tal-gvern aħna nistgħu ngħarrfuhom bih. Ippruvajna ukoll naraw xi postijiet oħra privati imma ma seħħilniex insibu li xtaqna.

Il-Kunsill ħa ħsieb ukoll jikteb lill-testaturi tal-laxxitu, il-legat Ugo u Adelina Muscat Azzopardi. Dawn infurmawna li l-kuntratt kien f'idejn in-nutar tal-gvern li dan wara l-korrispondenza li għaddiet għarrafna min kienu l-inkarigati biex iwettqu l-ħlasijiet. Ktibna lilhom u seħħilna niġbru s-somma ta' £M70 li parti kienet mill-laxxitu u parti minn imgħaxijiet. It-Teżorier ħa ħsieb ukoll li ssir quddiesa bit-talb tat-tfal ta' San Ġużepp għal ruħ il-mejtin is-sinjuri Ugo u Adelina Muscat Azzopardi bħala benefatturi tal-Akkademja.

Rigward is-sussidju li l-gvern kien soltu jagħti lill-Akkademja dan bqajna mingħajru din is-sena wkoll. L-ismijiet ta' dawk li telgħu fil-Kunsill kienu ppubblikati fil-gazzetta tal-Gvern. Il-gvern bagħat ukoll jitlob lill-Akkademja tinnomina membru biex ikun fuq il-bord li jeżamina l-aħjar ktieb tas-sena 1974. Il-Kunsill innomina lis-segretarju u l-Ministru tal-Edukazzjoni aċċetta n-nomina.

Ftit wara li inħatar il-Kunsill il-President għarraf lill-membri li hu ma jħossx li jista' għal raġunijiet personali joqgħod bħala editur tar-rivista "Il-Malti" kif hu maħsub fl-istatut para. 26 li jgħid li l-President għandu jkun "ex officio" editur ta' Il-Malti. Il-Kunsill għalhekk ħatar lis-segretarju bħala editur ad interim sakemm issir l-emenda meħtieġa fl-istatut li ser titressaq illum.

Il-Kunsill studja wkoll il-possibilta' li jgħaqqad għaqdiet oħra tal-Malti mal-Akkademja kif hu maħsub fl-istatut para 39 u fassal regolamenti għal dan il-għan skond ma jitlob l-istess paragrafu.

F'Novembru li għadda l-Akkademja għalqet 55 sena mit-twaqqif tagħha. Il-Kunsill ħa ħsieb ifakkar dan billi għamel programm fuq Xandir Malta, ieħor fuq Radio Malta u ieħor fuq it-televiżjoni. Is-sur Anton Muscat flimkien ma' oħrajn ħadu ħsieb jagħmlu l-kuntatti meħtieġa.

Bdiet ukoll tinġema' librerija ta' kotba Maltin biex l-Akkademja jkollha kif inhu xieraq kollezzjoni tal-Melitensia. Nittamaw li din il-ġabra tibqa' tikber u tiżdied.

Il-President tal-Akkademja baqa' kif kien miftiehem il-President tal-Kunsill Ċentrali tal-Malti li milli jidher sab xi diffikultajiet u ma tantx iltaqa'. Fuqu hemm rappreżentanti tal-Akkademja il-President, is-sur Pawlu Mifsud u s-sur Anton Agius Muscat. Is-sur F.X. Mangion kien rappreżentanti tal-Akkademja fuq il-kumitat ċentrali ta' Din l-Art Helwa, sakemm miet.

Is-sena li għaddiet il-Kunsill qatagħha li jibda jagħti kull sena żewġ premjijiet lill-istudenti li jiġu l-ewwel fl-eżamijiet tal-Malti, wieħed lil ta' l-ewwel sena u l-ieħor lil dak tat-tieni sena tal-iskola Għolja Sekondarja. Il-premju jkun sena numri ta' "Il-Malti tas-sena li tkun għaddiet u tisħib għas-sentejn li jkunu ġejjin. Dan għamlu bil-ħsieb li jħajjar u jagħmel il-qalb lill-istudenti. L-idea ingħoġbot ħafna kemm mill-istudenti kemm ukoll mill-awtoritajiet.

Matul dawn is-sentejn daħħalna bħala membri akkademiċi ġodda lis-sur Anton Grasso, lis-sur Alfred Massa, lis-sur Charles Attard u lis-sur Lawrence Mizzi. Jiddispjaċina li tlifna mbagħad lis-sinjorina Mary Meilak, lill-Kav. Albert Cassola u lis-sur F.X. Mangion li kien membru tal-Kunsill. Għal dawn il-kunsill ħa ħsieb li ssirilhom quddiesa għal ruħhom.

F'Novembru li għadda l-Kunsill u l-membri akkademiċi kellhom l-okkażjoni li jiltaqgħu flimkien f'laqgħa familjari ta' riċeviment li għamlet is-sinjurina Karmen Micallef Buhagar f'waħda mis-swali tal-Università.

Dan l-aħħar il-Kunsill ħatar ukoll tliet membri, lis-segretarju, lis-sur F.X. Mangion u lis-sur Frans Sammut biex jibdew jiġbru antoloġija tan-novell u oħra ta' essays li dehru fi "Il Malti" minn 1948.

Din kienet il-ħidma ewlenija li wettaq il-kunsill tal-Akkademja matul dawn is-sentejn li għaddew li nittama li seħħli niġbor filqosor u nqiegħed quddiemkom f'dan ir-rapport amministrattiv.

**7 ta' Marzu, 1976**

**Patri K. Fenech S.J.**
**Segretarju Onor.**

# La Ngħodd Erbatax Biss

Kull fejn fid-dinja mmur, fejn nitfa' għajnejja,
Taħwid, tibdil, tgerfix, kollox taħt fuq:
In-nisa saru rġiel, il-kbar qaddejja.

Ftit linji u koċċ tiċlis l-aqwa pittura;
Minflok għanjiet ħelwin agħjat maħnuq,
U ż-żfin ordnat żeglig u qbiż bla sura.

Min hu għażżien, brikkun fid-dinja t'issa
Jieħu l-midalji u jagħmel isem kbir;
Jekk ma timxix mal-moda qed tiffissa,
U jekk ma titbelláħx magħdud mal-ħmir.

Għalhekk ma jimpurtax nitgerfex farka
U, nifhem jien, ħadd minnkom ma jinkedd;
Jagħdruni Wiljam Xejkspier u l-Petrarka...
La ngħodd erbatax biss xorta sunett.

**PAWLU MIFSUD.**

**POEŻIJI TA' J. J. CAMILLERI**

# Marsalforn

Marsalforn maħsul bid-dija f'xemx sajfija
Fih għaxqa u għira;
Il-baħar abjad mera
Iħammek
U int tongħos f'benniena mżewqa
Li firxulek bejn l-għoljiet ix-Xagħra u ż-Żebbuġ.
Fis-Sajf tfittxek in-nies geġwiġija....
It-tfal ma jħossux ħedla,
Ma jgħejjew qatt jilagħbu;
Iż-żagħażagħ kollha ħeġġa jitbaħardu,
Il-ħajja titbissilhom,
Illum m'hemmx għada;
Il-kbar li m'għandhomx x'jagħmlu jitgħażżnu.
Mitluqa fuq ċagħak jikwi mal-plajja taħt l-arloġġ
Bikini mperrċa;
Bħal ħawwief ħafif
L-iski jisgiċċa minn ma' l-ilma;
Fil-bogħod qlugħ bojod.
Il-luzzi koħol, sofor, ħodor u ħomor,
Fil-menqa jitbandlu deħlin
Imtaqqla bil-lampuki.
Is-sajjieda mqatta'
Ibakkru u jisahru,
U jinfnew bix-xogħol taħt xemx tisreġ
Biex jaqilgħu għaxja.
Mhux kulħadd fis-Sajf mela
Xalata Marsalforn?

# F'Xifer il-Blat

F'xifer il-blat waħdi
F'lejla sajfija mudlama
Inħobb ngħarrex fil-baħħ iswed,
U xejn....
Sew kieku tħalluni waħdi
Fid-dlam imkeffen.

Waħdi fid-dlam, fil-ħemda,
Ninsa li 'l hinn fil-bogħod,
Fil-baħħ iswed,
Hemm dinja fid-dawl
Ta' daħk u żufjett,
Ta' biki u mard:

# In-Nifs tal-Ħajja

In-nifs t'Alla ħa l-ħajja.
'Ma l-qalb tħabbat bir-ritmu meqjus
Ta' tarbija kosmonawta
Titmattar f'ġuf niedi u mkenni
Tgħarblilna moħħna
Għal elf tweġiba.
Żmien ilu tnissel mill-bhejjem il-bniedem;
Illum uman
Fiċ-ċelluli ħajjin riproduttivi
Wisq qabel jiltaqgħu s-sessi.
Waqt li fil-ġuf,
Żerriegħa mdakkra tikber, tieħu l-għamla,
Ir-ruħ tistenna,
U meta tidħol tgħammar,
Issir ħaġa waħda ruħ u ġisem,
Jew ġisem għalih, ruħ għaliha?
Għax għandu ruħ għalih
Sar bniedem ġdid għal kollox,
Indipendenti
Minn min sawwru.
L-anqas tistgħaġeb
Jekk jitwieled minn omm verġni,
Bħaż-żnażan bgħula
Asseswali.

# Ulied Missierhom

Il-blat għoli fl-irdum
Imdellel b'qamar mimli,
Jiġġebbed, jitwal u jieħu elf sura.
Jidwu ilħna mkarkra għajjiena
Ta' erwieħ mgħarrqa
Taħt tnax-il qama ilma,
U karba twila mriegħda
Tfakkar l-ewwel ġrajja
Meta l-ulied ċappsu jdejhom bl-aħmar
U sikru,
Bħal bhima xammru mnifsejhom;
Kixfu njiebhom sofor.
L-erwieħ jitnikktu
Għax ulied ulied uliedhom
Jitqatlu kienu u jibqgħu...
Tassew ulied missierhom.

# Jiktbilna Erin Serracino - Inglott

Bormla, 3 ta' Frar, 1976.

Għażiż Patri Fenech,

Il-massma tiegħi, bħala kittieb, hi li l-kitba tiegħi, la nkun xandartha, tkun saret tal-pubbliku u mhux tiegħi aktar, u li l-pubbliku, għalhekk, ikun kiseb is-setgħa li jikkritikana kemm irid! Iżda, meta l-kritika li ssir tkun aktar ta' ħsara lill-qarrej milli lill-kittieb — l-aktar fil-każ ta' ktieb ta'' riferenza, bħalma hu "**Il-Miklem Malti**" tiegħi — hu xieraq li wieħed iwieġeb, biex, għallanqas, jindirizza l-perspettiva. Nitolbok, għalhekk, tagħtini ftit tal-wisa' biex inwieġeb lil Z.M. li, fir-reċensjoni tiegħu, li dehret fil-'**Malti**' ta' Diċembru li għadda, għall-ewwel volum ta' '**l-Miklem**', barra t-tifħir (li ħassejtu żejjed u ħammarli wiċċi), għamel xi kritika li ma ħaqqnix, forsi ħtija tal-fatt li jien ma għaraftx nispjega ruħi biżżejjed ċar fit-taqsima '**Tagħrif u Tifsir**', imma forsi wkoll għax, f'kapitlu hekk qasir, ma stajtx noqgħod ngħid kollox dwar il-fehmiet ta' tiġdid li ħassejt xieraq li ndaħħal fl-ortografija tal-Malti, u ta' għażla ta' neoloġismi li ħaqqhom jidħlu f'vokabolarju tal-għamla ta' '**Il-Miklem Malti**'. Imma ma naħsibx li Z.M. qara, bir-reqqa kollha li messu, dak li għedt jien, l-aktar l-aħħar paragrafu fit-tieni kolonna tal-paġna xviii, għax kieku ma kitibx dak li kiteb dwar it-titnija taż-żetiet u tal-bejiet, u l-inkonsistenza li qal li sab fil-paġni ta' dan l-ewwel volum ta' '**Il-Miklem**', u li xtaq li jara msewwija għal li ġej! Lil Z.M. ngħidlu, b'wiċċi minn quddiem, li ma għandi xejn xi nsewwi! L-ewwel volum ta' dan il-vokabolarju tiegħi ma fihx x'jitlob korrezzjonijiet bħalma, jaħasra, jitolbu bosta kotba serji bil-Malti li qegħdin jixxandru f'dawn iż-żminijiet, donnu min jiktibhom l-inqas li jaħseb hu fil-kitba tal-Malti! Jien m'jiniex hekk!

M'jiniex se' noqgħod inwieġeb hawn (anki għax ma rridx noħodlok wisa' żejjed) għal kull fettuqa li Z.M. ħasbet li sabli! Il-'**Miklem**' tiegħi ma fihx ftietaq! Min jaqra kulma ktibt fid-daħliet tal-ktieb tiegħi, u jixtarrhom ta' wieħed li jaf xinhu jaqra, ma jistax jifhimha bħal Z.M., u ma għandi ebda dubju dwar dan! U, aktar 'il quddiem, aktar u aktar ma jihimhiex bħalu, meta tidher, fl-aħħar volum, il-'**Grammatika Umanizzata**' li għandi lesta, u li ma stajtx, għal raġunijiet li jifhmhom kulħadd, nagħtiha l-preċedenza fix-xandir li kien jixirqilha! Ma rridx nidħol f'polemiki, għax, barra mill ma jwasslu mkien, jagħmlu ħsara lil ilsienna, u lili joħduli ħafna ħin li nista' ninqeda bih ħafna aħjar!

Ħaġa waħda rrid nistaqsih lil Z.M., u hi din: Ilni fuq il-għoxrin sena li tkellimt, ktibt u xandart il-'fehmiet ġodda' tiegħi dwar l-ortografija u l-grammatika tal-Malti, u jaf bihom kulħadd! Ħadd ma tkellem, miera jew approva! Għal għoxrin sena sħaħ u fuqhom, ma kellix bħala tweġiba ħlief skiet l-aktar Perfett! Issa, għax ħiereġ il-'**Miklem**', se nibdew inlaqalqu?

Ma jimpurtax! Lest inwieġeb għal kulma jgħiduli u jikkritikawli! Imma, nkunu rġiel! Wiċċ imbwiċċ u bla ħabi ta' ismijiet! Għandi l-jedd nitlob li nkun naf ma' min qed nagħmilha, jew?

Tiegħek jien,
ERIN SERRACINO-INGLOTT

ESSAY:

# DEFFIEN F'RAHAL

Emmanwel F. Attard

B'dedika lid-deffiena taghna:
Haddiema wkoll!

Bil-pala f idu...... il-hin kollu jaghti fil-qabar! Thassartu miskin! Sar gharqan xraba, ghax kien ilu sejjer bla xejn mistrieh... Dak hobżu! Beda jfakkarni fil-Prinċep Halmet u l-kliem li poġġielu f'fommu Shakespeare. Fl-istess hin hsibt u ghedt, bejni u bejn ruhi, "Xi darba ...... xi deffien bhalu — (min jaf min ghandu jkun? Jaf ikun dan l-istess flien li hawn quddiemi f dan iċ-ċimiterju, f din il-ghodwa ta' Lulju!) ikollu jiehu tahbita bhal din biex jaghmel gods minn dan ghadmi... halli jaghmel il-wisa' ghal xi katavru ta' xi qarib jew qariba tieghi." B'ghajnejn mohhi li ma jintemmux — mhux bhal dawk materjali li ghandi, li ghad isiru trab, bhat-trab l-iehor tal-qabar li ghad iserrahni — qisni bdejt nara l-ġejjieni... Emmnuni, thassart bosta 'l dan ghadmi — fosthom 'il dawn it-tlitt iswaba' li qeghdin iżommu l-pinna biex inkun nista' nikteb dan, il-lum, it-22 ta' Awissu, 1973. Bla hafna hsibijiet żejda u bi ftit jew xejn ghożża, rajt deffien iwarrab u jwaddab 'l hemm 'il dan l-imsejken ghadmi: id-deffien bieżel wisq u dil-habta jidher imhabbat sew! Ġismi qieghed inhossu jsir xewk xewk... B'daqshekk? Minn dan ghad irrid nghaddi, bhall-miljuni bla ghadd ohra ta' nies — jekk, sa dak iż-żmien, niftiehmu, ma ntemmx hajti mgharraq f'xi ilmijiet fondi, mikul minn xi kelb il-bahar, jew mahruq u maghmul irmied u mqieghed f'xi urna bhal fi żmien il-qedem, kif ghad jista' jsir ukoll fi żmienna......

Lil dan id-deffien kont ilni nafu. Konna tfal fl-istess klassi ta' l-iskola tar-rahal. Qatt ma kien ghaddieli minn mohhi li dan is-sabi mqarqaċ kellu jkun id-deffien ta' rahal twelidna jew li, x'wahda din, jista' jkun id-deffien tieghi stess.... Kif stajt nobsru dan meta, wisq nahseb, li anqas huwa nnifsu ma seta' qatt ghaddielu minn rasu li ghad jaqbad dak il-lant?! Setghu kienu biss iċ-ċirkostanzi li ma hallewlu ebda triq ohra x'jaghmel hlief din ... Mhux hekk jiġri, bosta drabi fil-hajja taghna lkoll? B'taghlim qatt ma ried jaf — tih jiġġerra u jilghab barra, fit-toroq, fil-pjazza u sa fl-istess ċimiterju fejn illum qieghed jaqla' hobżu (tghid dak kien l-ewwel sinjal tal-ġejjieni tieghu?) u xejn, xejn aktar ... X'aktarx ukoll, biex inkunu ghedna kollox, li mohhu, imsejken, kien żurżieqa, ma jerfa' xejn u, allura, ra u fehem li dik kellha tkun

il-karriera tiegħu. Xogħol li jkexkex 'il ħafna u ħafna nies — ibdew minni, l-ewwel wieħed! — iżda wieħed li jrid isir.... u minn xi wħud.... Tiġux tgħiduli li ħidmiet id-deffien m'hijiex sengħa: trid sengħa kbira biex tidfen sewwa u bil-galbu, waħda li trid ukoll kuraġġ ta' sur, bil-wisq iżjed minn dik, ngħidu aħna, ta' l-imgħallem tal-forġa jew tal-bennej. Trid tkun tabilħaqq tal-qatgħa għal dax-xogħol: għalhekk mhux kulħadd jinqala' għal deffien. Il-ħaddied u l-bennej jeħtieġu ħafna immaġinazzjoni biex jagħtu sura aħjar lil dawk il-ħwejjeġ li joħorġu minn taħt idejhom: filwaqt li l-deffien, aktar ma jkun nieqes minnha, jew aħjar ngħidu, anqas ma tħabbillu rasu u tgħakksu, tant l-aħjar... Xogħlu x'aktarx li jwettqu b'aktar ħeffa u b'inqas tbatija... Nieħu minni — ma kont qatt nirnexxi bħala deffien.... Mhux biss għax nitwaħħax u nistkerraħ naqbad it-twiebet, tqal sewwa għax bil-katavri għadhom sħaħ, 'friski'... jew ħfief mhux ħażin għax ikunu tħerrew u bi skeletri biss, iżda l-aktar għax l-immaġinazzjoni li għandi żżommli idejja u riġlejja... Nitħeddel għal kollox u jkolli xorti jekk ma naqax għaxi u nispiċċa b'laħmi u xaħmi f'xi ħofra mħejjija għal ħaddieħor.... Tabilħaqq immisshom biss titlagħli bħal dehxa li tmewwitli n-nervituri kollha — sensazzjoni bħal dik li għad irridu nġarrbu lkoll kemm aħna.

Tgħidux li qiegħed inkabbarha... Għalhekk, fost kollox, tant nammira lil Sweru (Assweru) imlaqqam Tal-Qajd — sieħbi ta' darba fl-iskola tal-Gvern: jekk ma jinqala' għal xejn iżjed, għal deffien żgur li jkollna nneħħulu l-kappell! Bis-sabar kollu, b'dik ħarstu dehnija — waħda li għandha tnixxifna lkoll meta nqisu li l-fantasija ftit li xejn tjassru jew twerwru — arawh iwettaq ħidmietu u jtemmha, qisu mhux hu.... Lest jagħmel l-istess xogħol — jidfen kemm-il wieħed kemm-il darba matulek ja jum, u saħansitra bil-lejl jekk tinqala' l-ħtieġa, illum, għada u pitgħada, sena wara sena. Siderja, il-qabla ta' ħdejna, iġġib in-nies fid-dinja u Sweru Tal-Qajd jordom u jaħbi għal dejjem — f'koperazzjoni sħiħa mal-Mewt — 'il dawk li jħalluha.... u sejrin.... Kif, jum fost l-oħrajn, stqarr miegħi huwa nnifsu, bla xejn mistħija, "Inbati l-ġuħ jiena, marti u wliedi, li kellhom ma jmutux aktar nies, tifhimni sieħeb?" Meta, bi tbissima mqanżħa — tistgħu taħsbu, eh! — weġibtu, "Imma.... Swer inti għad trid tmut ukoll, tafx? Għid is-sewwa, dal-ħsieb ma jdaħħlekx f'qoxortok?" ma taqtgħux biex reġa' ħariġli? Bi tbissima sfiqa u naturali, qalli, "Naf, naf! B'daqshekk? Sieħbi, deffien ieħor, jagħmel miegħi u minni dak li xbajt nagħmel jien ma' ħaddieħor .... Imbagħad, wara kollox," issokta bid-daħka, "jien ma nkunx naf x'ikun qiegħed isir minni... Il-mejtin la jitkellmu, la jaraw, la jifhmu u lanqas iħossu...."

Kollu minnu! Xi drabi noqgħod naħseb waħdi: tgħid dan Sweru,

wara kollox, joqgħod jaħseb xi daqsxejn u jiżen x'ikun jagħmel — l-aktar meta jkun waħdu — huwa u jidfen, jaqla' l-katavri jew jagħmel borġ minn għadamhom? Kif jista' jifhem u fl-istess waqt jissokta sej-jer dik ħidmietu u jterraq b'ħeffa ta' għażżiela — għad għandu xi 45 sena — minn ġol-passaġġi ta' bejn l-oqbra, uħud minnhom imżejna b'monumenti sbieħ li jqimu l-flejjes it-tajba u oħrajn hekk u hekk, jew biss b'xorok umli kollhom ħażiż, iżda lkoll mimlija minn ġewwa bil-miżerja tal-bnedmin, qisu mhux hu, qisu f'xi ġnien pubbliku, bħal Sant Anton jew Villa d-Este? Jista 'jkun li, wara kollox, dan Sweru — u kemm-il Sweru u deffien ieħor hawn fuq wiċċ din l-art jifhmu aħ-jar u aktar milli nifhmu aħna l-misterji ta' ħajjet il-bniedem. Inħoss, li biex jaqbdi sewwa d-dmirijiet iebsa tabilħaqq ta' deffien wieħed jis-tenna li jkun jew bniedem ftit jew xejn bla qalb, jew nieqes mid-deħen — inkella jkun, ukoll bla ma jaf, għamla ta' filosfu mhux ta' min jarmih....

Dan Sweru Tal-Qajd (bin Lippu li, xi snin ilu kellu ħanut tal-kafe' fil-pjazza tar-raħal' f'ġieħ is-sewwa, biex nagħtih li hu tiegħu — b'xejn ma rrid nonqsu! — la nista' ngħid li huwa raġel kiefer anqas wieħed belhani. Ajma jommi, hekk għidlu! B'dak leħnu, baritonali, b'par għajnejn itajru x-xrar u l-ħin kollu jferfer idejh f'wiċċkom — dawk idejn, iġibuli l-bard! — igħaġġel igħarrafkom li, s'issa, qatt għadu ma qatel 'il ħadd, ħlief xi ħaruf, beċċun, fenek jew jissokta jispara d-dis-kors, qisu dak l-Ispanjol mill-Katalonja li darba smajt ipaċpaċ fuq mikrofonu f'Barċellona, "Jiena l-ġlied noboghdu, xbin, tiegħek nagħti-hulek iżda tiegħi rridu, u ngħid li għandi ngħid jekk naf li jħanxruli għonqi barra.... fhimtni?" Biss l-aktar ħaġa li tagħtih ġewwa tkun jekk xi ħadd jiftillu jsejjaħlu 'belhani'. Żgur li huwa aktar moħħu jilħaqlu mid-deffien li jsemmi Victor Hugo f' "Les Miserables". Oqogħdu żguri li jasal biex igħajjar lilna belhanin — la nitwerwru mill-mejtin, miċ-ċimiterji u, saħansitra mit-twiebet għadhom ġodda f'amanti, maħżuna għand xi kummissjonant u ma nibżgħux mill-ħajjin li kemm-il darba matul din ħajjitna jgħalltuna u jgħalluna. "Il-ħajjiena? Dawk fost il-ħajjin issibuhom!" Ikollna nistqarru bla tlaqliq li... għandu raġun b'ex ibiegħ.... Mela, allura, nistgħu b'xi mod insejħu lil Sweru d-deffien bħala 'filosofu' — il-filosfu taċ-ċimiterju tar-raħal tagħna! — għal-kemm mhux żgur qatta' ħames snin b'kollox isaħħan il-bankijiet ta' l-iskola u, li laħaq tgħallem daqs kemm għadu tgħallem neputi ċkejken milli għandi u li ommu għadha tieħdu l-iskola kuljum.... Minnu li skola ma tantx jaf għax għandu xorti jaf iħażżeż ismu — għalkemm jagħraf-hom sewwa ċ-ċifri u jinqala' għall-kontijiet daqs l-aqwa skrivan tal-bank — imma jiena nqisu xi ftit filosfu. Mhux xi Spinoza jew Bertrand Russell, ejjew niftiehmu, — 'il bogħod minn dan! — iżda

bniedem b'moħħu hemm, jaf xi jrid, jaf x'inhuwa jagħmel, li jqis, jiżen u jkejjel kulma jagħmel u, fuq kollox, wieħed li ebda babaw, ħares jew spirtu — minn dawk li, xi drabi, iwerwru lili u lil kemm-il skular, jew nies li jriduha ta' hekk — hawn f'dil-Gżira tagħna... Għid lili, jew lil ħafna minna, nishru weħidna ma' mejjet fil-kapella ta' xi ċimiterju, f'xi kamra mortwarja 'l-isptar jew ukoll fi djarna stess, madankollu, ma' xi qarib għażiż li jkun għadu kif ħalliena... Mela le? Bil-ġiri! Kif tispiċċalna, kos, hux, kull arja li jista' jkollna, it-tagħlim u l-għerf, il-presopopea u l-prużunzjoni kollha fejn il-kadavru ta' xi ħadd, imqarr kien missierna stess? Imma mhux Sweru Tal-Qajd! Lil ħabibi Sweru, idħku bija kemm jogħġobkom, nibqa' nqisu wieħed minn dik il-kotra ta' filosfi tal-kampanja, bi ftit jew bla xejn skola kemm tridu, iżda mimlija b'dak is-sens komun — li kif qal tajjeb wieħed għaref, ma huwa xejn komuni fost ħafna bnedmin.

Jekk Sweru d-deffien huwa filosfu xejn ma hija anqas minnu martu, dik l-imgħassda ta' Żieżi, bint Indri tal-Blażnaj, is-sagristan tal-parroċċa. Għidli ma' min tagħmilha u ngħidlek x'int! Tiskantawx li saret taħsibha bħalu wara ħmistax jew sittax-il sena żwieġ. Mara tal-ġabra li ddur il-bejjiegħa tal-ħaxix ir-raħal kollu biex tiffranka żewġ milleżmi minn hawn u tliet milleżmi minn hemm. Tal-Monti, drawha wkoll smajt: jieħdu qatgħa jarawha ġejja! Sweru laħaq ħeles, war-rab, ħeba — difen taħt l-art, fi kliem ieħor — min jaf kemm nies mir-raħal li ħallewna għal dejjem, imma... huwa (flimkien ma' Żieżi bis-sagrament imqaddes taż-Żwieġ, m'hemmx għalfejn ngħidu) ma naqasx li jpatti għal dan bilii ġab fid-dinja mhux anqas minn għaxart itfal — tmien subien u ġixt ibniet — Alla jberikom u jseddaqhom ... Ilkoll b'saħħithom, kollox ma' kollox sbieħ — l-aktar Ġiżwarda, il-kbira — u f'aptithom ngħid... Għandu raġun jitħasseb Sweru meta jonqos xi daqsxejn ix-xogħol waħxi tiegħu.... Min jitmagħħomlu, imbagħad? Tgħallem bl-esperjenza li l-ħajjin — ħutu l-bnedmin, għajru — jaħ-sbulu għall-għajxien biss jekk jeħlishom minn ħuthom il-mejtin... la iżjed u la anqas: proposta li laqa' mill-ewwel. Kien għad kellu biss tmintax-il sena meta daħal deffien — sena wara żżewweġ. Tant hu hekk li, jum minnhom, meta ltqajna fil-ħanut tal-kafe' ta' Fidiel l-Infidil (hekk igħidulu 'l dal-flien li lilu missier Sweru kien wella l-ħanut), Sweru ħadni f'ġenb, u bejn boqqa nbid u oħra, tafu x'qalli? "Surmast, xogħolna huwa hekk meħtieġ u indispensabbli (il-Bambin biss jaf kif kissirha dil-kelma!) li, f'xi epidemija (kif stradikaha wkoll lil dil-kelma!) — meta d-deffiena ma jkunux jistgħu jlaħħqu max-xogħol — taf xejn inti li l-ħabsin jew is-suldati jkollhom jidfnu lill-mejtin?" "Ma nifhadx, Swer," għedtlu, "xogħolkom, għalkemm xejn sabiħ, huwa meħtieġ fuq li meħtieġ.... Allaħares ma kienx hawn xi erba' bħalkom

f'din id-dinja msejkna tagħna!" U xrobt ftit inbid — għal ftit ma xerraqnix bid-daqqa — ridt ngħid bit-taptipa — li taħi fuq spallti. Dik idu felħana kessħitli demmi, imma dħakthielu, x'tagħmel? Hadt ir-ruħ x'ħin infridna. Donni għadni nħossha dik it-taptipa fuq spallti: fissewwa kexkxitni daqs li kieku kienet id id-destin li, għalkemm ma battietnix għal kollox, żgur li fakkritni f'dik ħidmietu waħxija li għad trid tagħmel miegħi u minni dak li għamlet ma' tant u tant nies oħra. X'kull ħabib ikolli wkoll, nistħajjilkom tgħidu.... Imma x'tagħmel — niksru? Għaliex miskin, mhux proxxmu wkoll?

Lil Sweru d-deffien tar-raħal, m'ilux wisq rajtu f'dawl ieħor. Missieru, Lippu — raġel ta' dawk it-tmenin sena jew hekk — kien ħalliena u lil Sweru rajtu fil-funeral tiegħu, liebes l-iswed u pulit. Din id-darba kien jakkumpanja biss, flimkien ma' martu u wliedu. Kif għarrafni wara ħabibu Ġakki ta' l-Imtentex, Sweru rrofta ikun id-deffien ta' missieru u għalhekk qala' lid-deffien ta' raħal qrib. Dakinhar, lil Sweru rawh iħares fil-vojt, kollu miblugħ, b'demgħa jew tnejn iġelbnu minn għajnejh x'ħin it-tebut tniżżel fil-qabar tal-familja. Ma rridx ninsa ngħarrafkom li Sweru — wara xi sentejn li "laħaq" id-deffien tar-raħal — ma naqasx li jixtri qabar u ordna anġlu għarkobbtejh, taħt kruċifiss, kollu mbikki jħares lejn is-sema u b'Idejh it-tnejn juri l-irħama tal-qabar, bl-ismijiet ta' xi qraba mejtin fuqha: ġmiel ta' monument li, oqogħdu fuq kliemi, swielu kemxa... Tistagħġbux: l-ewwel qabar, b'monument sabiħ u kif jixraq, f'kull ċimiterju, għandu jkun tad-deffien tiegħu. Hekk imur! Intant, dejjem skond Ġakki, għalkemm Sweru ma riedx ikun hu li jidfen 'il missieru, xorta waħda fl-aħħar mill-aħħar ma ħamilx ma jaqbadx il-pala u.... jitfa' kotx trab fuq it-tebut qabel ma qabru ġie mkaħħal għal kollox. Tarawx, kienet id-daqqa ta' l-aħħar — id-daqqa ta' l-imgħallem! ta' deffien li hu.

**INFAKKRU...**

**Bħalma għamilna fl-ewwel ħarġa ta' IL-MALTI tas-snin ta' qabel — issa wasalna fit-52 sena — infakkru lil dawk il-membri akkademiċi jew imseħbin fir-rivista li qegħdin lura fil-ħlas biex ifittxu jiskuntaw id-dejn li għandhom. L-ispejjeż kibru waqt li d-dħul ta' flus baqa' li kien u, għalhekk, ma jistax ikun li wieħed jibqa' jirċievi IL-MALTI** gratis **meta l-Akkademja qed titlef minnu somma kbira kull sena.**

**Dawk li ma jixtiequx jirċievuh aktar għandhom għallanqas jgħarrfuna billi jċemplu lit-Teżorier f'Numru 40733 jew jiktbulu d-dar f'Nru. 24, Triq il-Ferrovija, B'Kara.**

**Min iħallas m'għandux jibgħat Postal Orders għax dawn iġibu inqas flus Maltin imma, minflok, jibgħat bolil tal-5 milleżmi.**

# – ELEĠIJA –

**Miktuba f'Ċimiterju ta' Raħal minn THOMAS GRAY**
**DWARDU ZARB għamel il-Qlib tagħha bil-Malti**

Inżul ix-xemx qed tħabbar il-qanpiena;
Il-bidwi b'atar tqil lejn l-għorfa jmur,
U l-merħla tbeqi f'mergħa lejn il-maqjel;
Hawn nibqa' jien fid-dlam, waħdi, mistur.

Id-dellijiet madwari w tgħib id-dehra;
Waqfien u ħemda fl-arja, 'ma f'das-skiet
Tinstema' fl-art titkaxkar xi ħanfusa,
U l-ġnieġel jonqru 'il bogħod f'għonq in-nagħġiet.

U 'l hemm fuq dak it-torri miksi b'liedna
Il-kokka twarwar bħala kieku tlum
Il-qamar fl-għoli w tgħidlu li tjur oħra
Saltnietha ħiemda jħarbtu f'dak il-jum.

Taħt iċ-ċipress u l-ulmi f'dell ftit niedi
Fejn jikber il-ħaxix għal fomm ir-riħ
Għal dejjem ġo qabarhom dawk li mietu
Minn dan ir-raħal qiegħda fil-mistrieħ.

Minn dan il-marqad aħrax le jqajmuhom
Id-daqq tal-qarn, tas-sriedek it-tiddin,
Dik l-arja tfuħ u safja ta' fil-għodu,
Jew il-ħuttaf minn girna ġej f'dal-ħin.

Għalihom nar fil-maġmar qatt jitqabbad,
Jew dwarhom nisa jaħdmu fil-għaxija;
It-tfal ġo ħdanhom le ma jiġu jiġru
Biex ibusuhom b'ħerqa, ferriħija.

Għal kemm il-darba ħasdu dawn l-annata
Jew ħartu l-art imbalta, tniggeż, tweġġa';
Ferħana l-merħla lejn l-għalieqi saqu,
U kissru l-ħatab b'id ta' saħħa w ħeġġa.

Hekk m'għandiex issa l-Ambizzjoni tmaqdar
Il-ħidma wtieqa tagħhom, ferħ fid-dar;
Jew il-Kburija tisma' bit-tbissima
Il-ġrajjiet qosra w sempliċi tal-fqar.

Għaliex il-pompa, s-setgħa, l-ħilardija,
Kif is-sbuħija w dak li jagħti l-ġid
Qed jistennew ukoll is-siegħa kiefra...
Għal qabar jimxi l-Ħajr f'qaddej jew f'sid.

Il-għelt issibux f'dawn, intom l-imkabbra,
Jekk fuq qabarhom m'hemmx kitba w tifkira
Bħal ġo korsija twila jew kannirja,
Fejn tidwi 'l Alla l-għanja ta' tifħira.

Jewwilla l-monument fuq qabar sbejjaħ
Iġib ġewwa l-katavru lura r-ruħ?
Leħen il-Ġieh iħarrek it-trab qiegħed?
Jew il-Ftaħir minn ksieħ il-mewt mismugħ?

U jista' jkun f'imkien imwarrab qiegħda
Xi qalb li darba tkebbset b'nar is-sema,
Idejn li setgħu rieġu mperu kburi,
Jew daqqew noti fejn seher jinġema'.

'Ma l-Għerf quddiem l-għajnejn ta' dawn qatt fetaħ
Il-ktieb tad-Dawl imtaqqal f'ġarb iż-żmien,
U n-Nuqqas kiesaħ raqqad l-għadab nobbli,
U nġazza kien tmewwiġ ir-ruħ, l-għarfien.

Tassew! Hemm kemm ġawhriet fil-qiegħ tal-baħar
Moħbija ġo l-għerien li hemm fid-dalma,
U kemm il-warda tiftaħ, tferraq fwieħa,
Tinħela w tmut fil-bar, imwarrba f'kalma.

Hawnhekk ukoll jewwilla qiegħed bidwi
Li ħadha ma' tirann, t'oqsma ħalliel,
Mexxej gwerrier mhux ħati f'demm li xerred,
Poeta ħiemed li ra t'Alla l-ġmiel.

Xortihom ma riditx min iċapċpilhom,
Imexxu b'ħafna kliem il-parlamenti,
Imaqdru kemm theddid t'uġiegħ jew qirda,
Jew jissemmew fil-ġrajja b'kemm kummenti.

Ukoll, kif ma semmietx dawk tjubijiethom,
Ma tgħidx kif kisru l-liġi, għamlux dnub;
Ma ħalliet qatt it-tron bi qtil jiksbulek,
Jew mal-bnedmin għall-ħniena jagħlqu l-qlub.

Iżjed, ħbitilhom it-tinġiż f'kuxjenza,
Le xandritilhom ħmura fuq il-wiċċ;
Ma ħallithomx jixxerfu f'dejr il-lussu
Fejn l-għana bħal duħħan il-bħur iżiġġ.

'Il bogħod mill-għagħa miġnun, bla ġieh, tal-ġemgħa
Xewqathom ta' bla lġiem żgur qatt sferraw;
Għaddew minn wied il-ħajja siekta, irżina
Waqt li mal-għawġ u l-faqar issaraw.

'Ma wkoll hawnhekk twaqqfu xi monumenti
Biex l-għadam fl-art fl-insult ma jmurx jinfena;
Jitniegħed min hawn jgħaddi w jaqra sieket
Kitbiet u vrus imqiegħda bi ftit sengħa.

Ta' kafkaf miktubin l-isem u l-għomor,
U f'dan il-fama tagħhom, l-eleġija;
Naqraw ukoll siltiet mill-Kotba Mqaddsa,
Li jgħallmu kif immutu fit-tbatija.

Għax min hu dak li jrid warajh iħalli
Isem mistmerr, maħmuġ, misħut u mgħajjeb?
Jew min ma jridx xħin mewtu tkun qed toqrob
U jaħseb f'dan, iħalli isem tajjeb?

Nixtiequ li waqt mewtna nkunu mdawra
Mill-qraba l-imbikkija w xi ħabib;
Mill-qabar joħroġ leħen in-Natura,
Ukoll fl-irmied ta' hawn xi xrar issib,

Jekk int tiftakar fil-mejtin minsija,
U f'dal-kitbiet issib xi fatt ftit nej,
Hawnhekk jekk tiġi fuq il-mewt titħasseb,
Xi bidwi jistaqsik minn fejn int ġej.

Ikellmek dan bil-ħerqa w b'ferħa jgħidlek:
Sikwit rajnieh mas-sbieħ b'wiċċu merfugħ
Iterraq l-art miksija b'nida w jasal
Fuq l-għolja w dwaru jħares bħal miblugħ.

U f'nofs in-nhar ' hemm isfel ġewwa l-bajja
Li sserrep tul ix-xatt sal-bogħod 'il bogħod
Serraħ fuq blata qrib nixxiegħa tbaqbaq,
U sema' l-ilma jrambal u jirt'għod.

U fil-għaxija nstab jimraħ fil-masġar
Li tilmah hemm, jitbissem fit-tmaqdir,
Ibadbad fantasija, bniedem minsi,
Miġnun fil-hemm, miċħud fl-imħabba, lsir.

Jum wieħed ma rajtux isul fuq l-għolja
U f'masġar fejn kull jum taħt siġra mar;
Għadda jum ieħor, lanqas ġewwa l-bħajra
Jew hemm minn fejn mill-blata l-ilma far.

Il-għada wisq imnikkta minn ġol-knisja
Rajnieh bil-qajl għal hawn qed iġorruh;
Int ersaq hawn biex taqra għax taf taqra
Dawn il-kelmiet li jqanqlu bosta r-ruħ."

## Epitaffu

Hawn rasu qed tistrieħ u l-art imħadda;
Żagħżugħ bla xorti w ismu mhux magħruf;
Mix-xjenza ma kienx nieqes w għarbel ħafna;
Kien kiebi wisq, għalkemm f'nislu mixruf.

(*Jissokta f'Paġna 26*)

G. CARUANA DEMAJO

# X'INHIJA L-POEŻIJA?

## Studjużi u Poeti Jgħidulna x'Jaħsbu Dwarha

X'jaħseb fuq il-poeżija min jiktibha, u kemm inbidel dan il-ħsieb matul iż-żmien u fost popli differenti? Dan wieħed jista' jarah billi jqabbel x'qalu b'bosta ilsna l-poeti ta' bosta żminijiet.

Wieħed fost l-ewwel li kitbu fuq il-poeżija kien il-filosfu Grieg Aristotle, li jitkellem fuq is-suġġett tal-poeżija b'mod xjentifiku fit-trattat tiegħu "Peri Poetikes". Aristotle jgħid li, bħall-mużika, iż-żfin, it-tpinġija u l-iskultura, il-poeżija, fil-qofol tagħha, hija imitazzjoni u taf il-ħolqien tagħha lill-ġibda istintiva li l-bniedem iħoss lejn l-imitazzjoni ta' dak li jara madwaru. Jaqsam il-poeżija fi tnejn: dik epika jew narrattiva, u dik drammatka. Din ta' l-aħħar jerġa' jaqsamha f'dik li tgħolli 'l-bniedem, jiġifieri t-traġedja, u f'dik li tbaxxih, il-kummidja. Jitkellem fuq l-iskop tat-traġedja, dak ta' purifikazzjoni, u jgħid li, aktar mill-istorja, għandha x'taqsam mal-filosofija għax turi verità universali u mhux ġrajjiet ta' darba. (1)

Kittieb ieħor ta' l-era klassika li qal xi ħaġa fuq il-poeżija kien Dijonisju t'Alikarnassu li barra milli kien studjuż ta' l-istorja, kien ukoll kritiku. Waħda mill-osservazzjonijiet l-iktar magħrufa tiegħu hi li l-istil li wieħed juża huwa l-marka distintiva tiegħu. Barra minn dan, huwa jagħraf l-importanza tas-sustanza tal-poeżija aktar minn tal-forma (2).

Il-poeta Latin Orazju ħallielna trattat poetku fuq l-istess poeżija magħruf bħala "Epistula ed Pisones" jew "Ars Poetica". Wara li jagħti parir fuk affarijiet tekniċi, bħall-forma, il-mertu jew il-proporzjon, jidħol fil-qalba tas-suġġetti u jitlob 'il dawk li jixtiequ jsiru poeti biex jiftakru li l-poeżija hi ħaġa serja li jista' jiktibha biss min studja fil-fond il-ħajja u r-relazzjonijet uman. Għalxejn wieħed jipprova jikteb jekk mhux ispirat mill-Muża, iżda l-lehma mhix biżżejjed, wieħed għandu jgħarbilha għal disa' snin sħaħ qabel ma jippublikbaha, u għandu wkoll ifittex l-opinjoni ta' wieħed għaref.

Il-poeti l-kbar kollha għarfu li l-poeżija fiha ispirazzjoni u xogħol ta' tiftix u reqqa fir-reviżjoni. Fil-bidu ta' xi poeżiji Latini tidher xi

---

1. Aristotle: "Poetics". Traduzzjoni ta' J. Warrington. (Everyman's Library)
2. The Oxford Companion to Classical Literature. Sir P. Harvey. (O.U.P.)

invokazzjoni lejn xi Muża jew xi alla. Lukrezju jibda l-poema kbir tiegħu "De Rerum Natura" billi jitlob l-għajnuna ta' Venere:

"......hominum divumque voluptas,
alma Venus ......
te sociam studeo scribendis versibus esse." (3)

Virġilju wkoll jibda l-Enejde b'talba lil Clio u Melpomene, il-Mużi ta' l-istorja u tat-traġedja:

"Musa mihi causas memora......" (4)

u lil Venere:

"Si mihi susceptum fuerit decurrere munus,
o Paphon, o sedes quae colis Idalias,
Troius Aeneas Romana per oppida digno
iam tandem ut tecum carmine vectus est:
non ego ture modo aut picta tua templa tabella
ornabo et puris serta feram manibus —
corniger hos aries humilis et maxima taurus
victima sacratos sparget honore focos,
marmoreusque tibi vel mille coloribus ales
in morem picta stabit Amor pharetra.
adsis, o Cytherea: tuus te Caesar Olympo
et Surrentini litoris ara vocat." (5)

Dawn il-poeti jqisu l-poeżija bħala xi ħaġa mill-allat għall-bnedmin u jqisu lilhom infushom bħala l-fomm ta' l-allat u, għalhekk, f'pożizzjoni ta' privileġġ. Iżda din iġġib ħafna xogħol iebes ukoll li jiħfief biss bis-seher li taf toħloq il-poeżija ta' min hu tassew poeta: "inducit noctes vigilare serenas."

Ukoll f'xogħlijiet ta' poeti eqreb lejn żminijietna, wieħed jara li dawn il-poeti jħossu li l-poeżija, jekk ma tgħollihomx fuq l-oħrajn, għall-inqas tagħżilhom mill-oħrajn. Wordsworth igħid fuq il-poeta:

"In common things that round us lie
Some random truths he can impart,

3. T. Lucretius Carus: "De Rerum Natura". Lib. I 1, 2, 20.

4. P. Vergilius Maro: "Aeneis". Lib. I 8.

5. P. Vergilius Maro; "Catalepton XIV".

— The harvest of a quiet eye
That broods and sleeps on his own heart." (6)

fejn ħaddieħor ma kien jara u jħoss xejn. Tennyson iħoss li:

"The poet in a golden clime was born,
With golden stars above;
Dower'd with the hate of hate the scorn of scorn,
The love of love.
He saw thro' life and death, thro' good and ill,
He saw thro's his own soul.
The marvel of the everlasting will,
An open scroll,
Before him lay..." (7)

Dan il-ħsieb insibuh ukoll f'poeti Maltin. Karmenu Vassallo igħid-ilna:

X'barka tas-sema, x'kobor ta' miraklu
tkun maħtur fost il-ftit
b'Anġlu tal-poeżija.' (8)

Rużar Briffa, f' "Il-Kotra u Jien", igħid li l-kotra ma tħossx is-seher tal-poeżija; ftit huma dawk li jħossuh, u hu wieħed minnhom. F'poeżija oħra, "Lil F.S. Caruana", igħid:

"Twilidt...
ħa ngħolli ħsiebi fuq il-ħsieb ta' sħabi."

Iktar 'il fuq igħid:

"...x'jibqa' fija jien, jekk niċħad ħolmti
u nisfa bniedem — hekk — bħal m'hu kulħadd."

Jekk tispiċċalu din is-setgħa li jgħanni, jistqarr li ma jibqax skop għal ħajtu, u:

"Hu miet għax le ma xtaq ikun mal-qtajja'." (9)

6. W. Wordsworth: "A Poet's Epitaph".
7. C. Tennyson: "The Poet".
8. K. Vassallo: "Lil Gaspare Pace". ("Bejn Qcacen u Qigħan". p. 69)
9. R. Briffa: "Lil F.S. Caruana".

Il-poeżija tagħtik ukoll is-setgħa li m'għandux ħaddieħor. Ovidju jgħidilna li bis-saħħa tal-poeżija tista' tagħmel kollox, sa ċċaqlaq il-ġebel u tikkwieta l-annimali feroċi:

"Saxa ferasque lyre movit Rhodopeius Orpheus,
Tartareosque lacus targeminumque canem." (10)

Tennyson igħid li l-għerf, permezz tal-kelma tal-posta, jista' jċaqlaq id-dinja. U meta jitkellem l-għerf:

........... "... No sword
Of wrath her right arm whirl'd,
But one poor poet's scroll, and with his word
She shook the world." (11)

Min jista' jitkellem fuq il-qawwa tal-kelma fil-poeżija b'aktar qawwa minn Karmenu Vassello?

"...hemm ħila fi lsieni
daqskemm seher tal-għaġeb fil-ħolqien

............................

Ilsien jaf ixoqq daqskemm idewwi,
jibni daqskemm iħott,
bl-għollieq u x-xewk ixeblek
daqskemm bl-għasel ibennen u bil-frott.
..., bi vrusi,
naf inħannen u nħobb, nisħet u nqell." (12)

Iżda l-poeżija hija wkoll emozzjoni u tolqot 'il-qalb, kif igħid l-istess Vassallo:

"għandha mid-dmija
illi ċarċar Kristu għall-midinbin." (13)

---

10. P. Ovidius Naso: "Ars Amatoria" iii. 315-6
11. vide 7.
12. vide 8.
13 K. Vassallo: "Il-Muza". (Bejn Qcacet u Qigħan p. 55)

Għandha s-setgħa ttaffi d-dwejjaq u l-uġigħ. Ovidju kiteb it-"Tristia" u l-"Epistulae ex Ponta" meta kien fl-eżilju biex inessuh id-dwejjaq. Giovanni Pascoli, f'poeżija jisimha, appuntu, "La Poesia", igħid, f'isem l-istess poeżija:

"Io sono la lampada ch'arde
soave!
nell'ore piu' sole e piu' tarde,
nell' ombra piu' mesta, piu' grave."

Iktar 'l isfel fl-istess poeżija jgħid:

"Lontano risplende l'ardore
mio casto all' errante che trita
notturno, piangendo nel cuore,
la pallida via della vita:
s'arresta; ma vede il mio raggio
che gli arde nell'anima blando:
riprende l'oscuro viaggio
cantando." (14)

Il-poeżija hija dawl li taqsam id-dlam tan-niket. Dan l-istess ħsieb narawh f' "Il-Kebbies tal-Fanali", ta' Buttigieg:

"Saħħti wkoll
qed inħossha tmut kuljum,
iżda msejkna l-Poeżija,
dlonk tixxabbat mas-sellum,
u ġo qalbi
tixgħel naqra ta' fanal,
illi jtaffi ftit tad-diqa sa ma jmut ta' ħajti l-fdal."

Il-poeta Gulia wkoll isib faraġ fil-poeżija:

"Meta l-qalb ma tiflaħx aktar
u tkun waslet biex tinqasam
tinfexx fil-għana." (15)

14. G. Pascoli: "La Poesia". ("Canti di Castelvecchio")
15. W. Gulia: "Meta l-Qalb ma Tiflaħx Aktar..." (Poeżiji Miġbura 1947-1972 p. 111)

Fil-poeżija "Inspiration' insibu din in-nota t'a ferħ:

"Wara li tgħanni...
.........
tifraħ ir-ruħ
li tara l-kliem li fawwar
f'għana dejjem,
bla taf kif u għala..." (16)

Iżda xi drabi, flok ferħ, toħroġ nota ta' niket, bħal f' "Il-Werżieq tal-Harrub", ta' Ġorġ Żammit.

"Minn fommi ma nafx noħroġ ħlief xi karba,
Minn qalbi ma nafx nagħsar ħlief xi demgħa."

Iżda l-ħsieb li jgħaqqad il-poeti kollha flimkien huwa dak milqut sewwa fil-kliem ta' Orazju "Non omnis moriar", ħsieb li ħassewh il-poeti ta' qablu u ta' warajh. Narawh f'Shakespeare:

"So long as men can breathe, or eyes can see,
So long lives this .........
......in eternal lines." (17)

"Time doth transfix the flourish set on youth,
And delves the parallels in beauty's brow;
Feeds on the rarities of nature's truth,
And nothing stands but for his scythe to mow:
And yet, to times in hope, my verse shall stand
.....despite his cruel hand." (18)

Dun Karm ukoll għandu dan il-ħsieb, u, f' Non Omnis **Moriar**", igħid:

"Jgħaddi l-warrani bla ma jħares ħarsa
fuq il-għamajra tal-poeta sieket.
Iżda l-għanja ma tmutx:
minn taħt il-għatu

16. W. Gulia: "Inspiration" (ibid. p. 125)
17. W. Shakespeare: "To his Love".
18. W. Shakespear: "Revolutions".

tal-qabar waħdu tibqa' ħierġa safja."

Fil-poeżija miktuba "Lil Gaspare Pace" ta' Vassallo, il-poeta jemmen li:

"Jilħaq ilsieni 'l hinn minn driegħ il-Gwerra
u 'l hinn mill-mewt ukoll."
".... jien issa u kont erbgħin sena ilu
u nibqa' sa ma mmut:
poeta sħiħ li miegħu
aktarx ma jkeffnux ismu ġo tebut."

Għalkemm rajna biss numru żgħir ta' poeti, nistgħu ngħidu li l-poeżija hija xi ħaġa li ma tispiċċa qatt, u ma tagħraf restrizzjoni la ta' lsien u lanqas ta' żmien.

---

**— ELEĠIJA —**

*(Jorbot ma' Paġna 19)*

Għall-ħniena qalbu nfetħet b'ruħ bla ħajna;
Pattietlu s-sema w dan kif kien imiss;
Għax ta lil Ħasra kull ma kellu, demgħa,
Kiseb ħabib bħal għotja, wieħed biss.

Imbagħad fittex biex jagħraf dik qdusitu;
Talab ta' dnubu maħfra w fittex ħniena;
Tjubitu w dnubu l-lum qegħdin jistrieħu
Fil-ħdan tal-Missier Alla, bogħod mill-ħżiena.

# KUNSIDERAZZJONI DWAR IL-POEŻIJA F'MALTA

## (Bit-Taljan u bil-Malti)

# FIS-SEKLU DSATAX

L-Ewwel Parti

Oliver Friggieri

### SFOND

Meta wieħed iqis il-mixja politika tal-gżira taħt il-ħakma kolonjali ingliża, wieħed irid jagħti importanza sħiħa lit-tradizzjoni lingwistika, u għalhekk kulturali, minħabba li hemm marbutin magħha, bħala kawża li ddeterminaw bosta ħwejjeġ, ġrajjiet u sentimenti qawwija li mbagħad tbiddlu f'għodda għat-taqbida tal-jeddijiet kostituzzjonali u spiritwali. Waqt li wieħed isegwi qajl l-imġiba ġenerali lejn l-ilsien Taljan, wieħed isegwi wkoll il-linja ġenerali ta' l-artisti, u l-aktar tal-letterati.

Fit-tiftixa li għamlu John Austin u George Cornwall Lewis, kummissjonarji tal-Gvern Ingliż, li waslu f'Malta fl-1836, hemm mistqarra l-importanza u t-tixrid tat-Taljan, l-iżjed fi-iskejjel u fil-qasam tal-liġijiet (I).

"Ftit huma l-ġurnali bejn l-1800 u l-1838, u bit-Taljan, bħalma hu l-*Giornale di Malta*" (2). Wara ħidmiet intensivi, ftit żmien wara li xxandret il-gazzetta ta' kull xahar *Spettatore Imparziale* (għal xi żmien taħt ċensura) u l-gażżetta ta' kull ġimgħa *Portafoglio Maltese*, il-ħelsien ta' l-istampa ngħata fl-1839 u dan kien ifisser għajn kbira oħra ta' tixrid kulturali, qabel xejn bit-Taljan.

Fil-kuntest tat-taqbida għall-ħelsien ta' l-istampa, il-*Giovine Italia* bagħtet makkinarji u tagħmir tipografiku ieħor, waqt li fl-Italja xi stati għamlu reazzjoni qawwija kontra dan (3). Napli pprotestat bil-qawwa dwar xi artikli li dehru fuq ġurnali Maltin u minħabba f'dan, l-eżiljati naplitani kienu mwiddba li kull ħidma ġurnalistika tagħhom

---

1. A.V. Laferla: **British Malta,** Vol. I, Malta, 1938, paġ. 156 et seq.
2. Giuseppe Patti: **I cento giorni di Garibaldi in Sicilia nel giornalismo maltese,** Editrice la Sicilia-Messina, 1972, paġ. 18.
3. B. Fiorentini: **Malta rifugio di esuli e focolare ardente di cospirazione durante il Risorgimento italiano,** Malta, 1966, nota nru. 32, paġ. 46.

li setgħet tisfa ta' ħsara lill-ħakma sqallija setgħet twassal għat-tkeċċija tagħhom mill-gżira ~~tagħhom mill-gżira~~.

Il-ħelsien ta' l-istampa ħolqot moviment sħiħ ta' ġurnali, kważi lkoll bit-Taljan. *Il Mediterraneo* kien favur l-għaqda ta' l-Italja b'saħħtu kollha; *L'Ordine* kien aktarx reazzjonarju; is-*Stenterello* kien wieħed minn bosta ġurnali ċajtiera. Xi ismijiet ta' ġurnali jwassluna fiż-żmien tal-waqfa ta' xi eżiljati Taljani f'Malta matul iċ-ċaqliq għall-peniżola. Din il-qagħda ta' eżiljati intellettwali f'Malta, sa l-1860, tat lir-rabta qadima bejn il-kultura Taljana u Malta dimensjonijiet ġodda u kellha wkoll tħalli l-effetti tagħha fuq il-ħajja soċjali u artistika tal-gżira.

L-emigrazzjoni politika mill-Italja għal Malta bdiet matul iż-żmien napolejoniku. Aktarx li l-ewwel eżiljat kien Vittorio Barzoni illi rifes fuq Malta fl-1804. Iżda l-wasla kontinwa ta' eżiljati laħqet il-qofol tagħha wara r-restawrazzjoni, u l-aktar wara l-1849. Sa l-1848 l-eżiljati laħħqu madwar ħamsin, iżda bejn l-1849 u l-1860 l-għadd kotor mhux ftit. Fost ir-raġunijiet għala l-eżiljati għażlu li jibqgħu f'Malta, Giuseppe Patti jisħaq li "l-għaqda ta' l-ilsien, tal-klima, tat-twemmin reliġjuż u l-elf punt ieħor ta' rbit bejn Malta u l-Italja meridjonali għenu mhux ftit lil dan il-proċess" (4).

Dawn il-punti ta' rbit issuktaw jikbru u jieħdu suriet ġodda minħabba li r-relazzjonijiet u r-rejazzjonijiet kienu varji. Patti (5), hu u jikkwota xogħol ta' J. Peretti (6), igħid li fl-għaxar snin ta' bejn l-1850 u l-1860 il-fehma pubblika kienet influwenzata mhux ftit mill-istampa ta' dik il-ħabta u qanqlet għadd ta' rejazzjonijiet negattivi fis-sovrani ta' l-Italja, u jfakkar fl-ordni tal-Papa biex isir sorveljanza fuq il-ġurnali mxandrin fil-belt Valletta, u l-aktar il-proibizzjoni li għamel il-Papa lil *Spettatore Imparziale* li kien ukoll il-medju biex xi eżiljati jsemmgħu leħinhom. Ġurnali oħra, bħalma huma *Il Corriere Mercantile Maltese*, *Il Furetto*, *Il Filantropo Maltese* u l-*Gazzetta Popolare*, waqt li jixhdu l-ħakma sħiħa ta' l-użu tat-Taljan f'din it-taqsima bikrija tal-ġurnaliżmu Malti, jagħtu ħjiel tar-rabtiet differenti li kienu jeżistu bejn iż-żewġ artijiet fiż-żmien.

*Le mie prigioni* ta' Silvio Pellico qanqal simpatija għall-patrijotti Taljani, u t-traġedji ta' Guerrazzi u ta' Nicolini xettlu sens ta' ħelsien kontra t-tirannija. Il-*Primato Prolegomeni* ta' Gioberti, is-*Speranze d'Italia* ta' Balbo u l-*Protesta del popolo delle Due Sicilie* ta' Settem-

4. G. Patti: **op. cit.**, paġ. 14.
5. **Ibid.**, paġ. 20.
6. J. Peretti: **Les aspects linguistiques, litteraires, artistiques et folkloriques de l'italianite' de Malte**, casa editrice Filelfo, Tolentino, 1965, paġ. 70.

brini nqraw kollha f'Malta. Ġemgħa politika sigrieta, *L'Associazione Patriottica Maltese*, twaqqfet minn għadd ta' intellettwali mmexxija minn Gio. Carlo Grech (7). Grech kien korrispondent fl-*Accademia Gioenia di Scienze Naturali* ta' Katanja u msieħeb tas-*Societa' Medico-Chirurgica* ta' Genova, u huwa wkoll l-awtur ta' għadd ta' pubblikazzjonijiet bil-Latin u bit-Taljan (8).

Garibaldi, flimkien maż-żewġ uliedu Menotti u Ricciotti waqaf f Malta għal jumejn, it-23 u l-24 ta' Marzu, 1864 (9). Il-waqfa tiegħu ngħatat l-akbar importanza fil-ġurnali Maltin, u l-festa ta' ġieh li saret, mhux nieqsa minn xi inċidenti, offriet għamla ta' parteċipazzjoni u ħidma ribella għaċ-ċittadini Maltin. Patti jsostni li kien hemm ukoll "bosta membri tal-klassi kolta ta' l-Arċipielgu" u li l-ġrajjiet li seħħu fi Sqallija u l-emigrazzjoni ta' dawn l-eżiljati wasslu għall-ewwel ċaqliqiet b'risq il-ħelsien kostituzzjonali Malti (10).

Wara li rriferejna fil-qosor għall-moviment politiku-kulturali ta' l-eżiljati Taljani, insibu ruħna quddiem għadd ta' rapporti magħmulin minn kummissjonarji Ingliżi; fihom tinsab l-aqwa għajn ta' tagħrif dwar kulturali tal-gżira li wieħed jista' jikseb minn taqsimiet uffiċjali. Ikoll jaqblu dwar l-importanza soċjali li ngħatat lit-Taljan f'dawk is-snin. Il-Kummissjoni ta' l-1865, maħtura mill-Gvernatur Sir Harry Knight Storks (1864-1867), l-inkjesta magħmula minn Paolo Pullicino dwar il-qagħda edukattiva fl-1850, l-ittra ta' sir Charles Thomas Van Straubenzee (1872-1878) lis-segretarju ta' l-istat Ingliż (1873), huma biss ftit eżempji, fost bosta oħrajn, li fihom tingħata tifsira kbira lit-tixrid, skolastiku u soċjali, tat-Taljan.

Fl-aħħar egħxieren ta' snin tas-seklu dsatax bdiet tieħu ġmielha l-kwistjoni tal-lingwa, il-kontestazzjoni ta' tradizzjonijiet u ta' fehmiet ġodda. Stħarriġ tal-polemika lingwistika li faqqgħet f'dawk is-snin u ddawret sew ma tidħolx fil-limiti ta' din il-kitba, iżda minħabba l-konsegwenzi kulturali li telgħu fil-wiċċ fis-snin ta' wara, wieħed irid jirriferi għal waħda mill-ħidmiet ewlenin tal-gvern kolonjali f'Malta f'dik il-ħabta. Patrick Keenan, kummissjonarju Ingliż ieħor magħżul mill-Gvern tiegħu biex jistħarreġ is-sistema edukattiva tal-gżira fl-1879, kiteb li t-Taljan kien imxerred ħafna u li kellu importanza kbira fil-qasam tat-tagħlim. Konklużjonijiet ta' din ix-xeħta jidhru wkoll fir-

7. A.V. Laferla: **op. cit.**, paġ. 201.
8. Rob. Mifsud Bonnici: **Dizzjunarju BijoBibljografiku Nazzjonali**, Malta, 1960, paġ. 268.
9. A.V. Laferla: **op. cit.**, paġ. 252
10. G. Patti: **op.cit.**, paġ. 152.

rapport, magħmul fl-istess żmien, mill-kummissjonarju Sir Penrose Julyan (II).

Il-polemika, li saret waħda mit-temi poetiċi taż-żmien, qanqlet il-ħtieġa ta' valutazzjoni ġdida tat-tradizzjoni fl-aspetti kollha tagħha. Ngħidu aħna, mill-fehmiet editorjali li deħru fuq il-ġurnal politiku *Malta*, maħruġ għall-ewwel darba fl-1882, wieħed jista' joħroġ l-idejoloġija patrijottika u artistika tal-letterati Maltin. Mifrudin u msoffijin minn kull element polemiku u politiku, dawn il-prinċipji, imsenslin f'sensiela ta' ħsibijiet organiċi, jiffurmaw il-ġustifikazzjonijiet differenti li bis-saħħa tagħhom il-klassi aristokratika tal-kittieba ta' dak iż-żmien sabet il-mod xieraq kif tinserixxi lilha nnifiha bla tqanżiħ fil-kultura Taljana. Riferenza għal xi siltiet hi ta' fejda wkoll bħala sfond għall-moviment poetiku li, waqt li segwa l-linja tal-peniżola, ħoloq poeżija mixgħula, imħeġġa, li fittxet fil-kelma s-siwi ġelliedi bil-ħsieb li tbiddilha f'punt ta' tluq għal ħidma politika. Jekk wieħed jistħarrigha sew, wieħed jista' jintebaħ kemm kien profond l-influss li ħalla r-romantiċiżmu Taljan fuq l-idejoloġija ta' dawn il-kittieba Maltin.

L-ewwel ġustifikazzjoni hija nazzjonalistika u l-valutazzjoni tal-*lingua dei padri* (12) titbiddel f'valutazzjoni tan-nazzjon kollu bħallikieku biex twettaq il-fehma ta' De Amicis: "dove non c'e' lingua, non c'e' nazione". Il-ġurnal jemmen li "l-ilsien Taljan hu l-mezz spiritwali u konkret li bih inseddqu u nżommu l-individwalità nazzjonali tagħna" (13). Fost l-egħliem tan-nisel nazzjonali u tal-karatteristiċi etniċi, storiċi u spiritwali, hemm l-ilsien Taljan li "fost it-tradizzjonijiet tagħna u mill-kultura kollha tagħna hu l-aktar qawwi u l-aktar nobbli" (14).

Hemm ukoll ġustifikazzjoni ġejografika u ekonomika: "Malta mdawra... mill-art u mil-lingwa Taljana; Malta, imħaddna kuljum mit-traffiki baħħara li dejjem joktru u mill-kuntatti ta' l-ajru ta' l-Italja;... it-Taljan jiġi wiċċ imb wiċċ bħala imperattiv kategoriku ta' ħtieġa ħajja għalina, għaliex jolqot il-kummerċ u l-kultura teknika tagħna" (15).

Il-kwistjoni tqieset ukoll fid-dawl ta' ġustifikazzjoni rel ġjuża: "L-ilsien tal-kultura tagħna, ġawhra mill-egħżeż tal-wirt spiritwali tagħna

---

11. Ara Penrose G. Julyan: **Report on the Civil establisments of Malta,** William Clowes & Sons, London, 1879, para. 308-317, paġ. 56-59 u Patrick J. Keenan: **Report upon the education system of Malta,** Alexander Thom, Dublin, 1879, kap. 13, para II, paġ. 10.
12. A. Mercieca: **Le mie vicende,** Malta, 1947, kap. xvi, u A. Cini: **Origine e progresso della lingua italiana in Malta,** Malta, 1931, paġ. 83.
13. Editorjal anonimu (ta' Enrico Mizzi) f'**Malta,** 7 maggio, 1931.
14. **Ibid.**

li, flimkien mat-twemmin ta' Ruma, iroddilna l-jedd ewlieni għar-rispett ta' l-oħrajn għaliex hu għelm li ma jitħassarx ta' ċivilta' u ta' siwi'' (16).

Wieħed jista' bil-ħeffa kollha jwessa' din il-ħarsa sistematika lejn il-ħsieb tal-klassi aristokratika Maltija biex isib fiha valutazzjoni politika, kulturali u wkoll sentimentali tat-tradizzjoni. Ikun biżżejjed li wieħed jagħħlaq b'ġustifikazzjoni psikoloġika: "Għalina l-Maltin l-ilsien Taljani hu l-ilsien tal-ħsieb, ta' l-immaġinattiva. Dan jixhdu l-mod kif jipproċedi moħħna lejn ċerti sintesi... Huwa Taljan il-ħsieb f'dawn is-sintesi, nuru li aħna Taljani fil-ħsieb, fil-mod kif naraw bis-saħħa ta' l-immaġinattiva, tal-fantasija, fil-mod kif infissru ruħna bis-saħħa tat-traslati..." (17).

Ix-xeħta biex wieħed jorbot lil-letteratura mal-valuri soċjali hija naturali mhux biss fi ħdan il-limiti tar-rejaliżmu iżda wkoll, ftit jew wisq, f'kull moviment għaliex il-forom ta' l-ispazju u taż-żmien kienu meqjusa dejjem bħala ż-żewġ estremitajiet aprijoristiċi li ebda awtur ma jista' jegħleb. Ir-relazzjonijiet bejn letteratura u soċjetà huma reċiproki. Fil-kostruzzjoni ta' l-isfond storiku tinbena wkoll l-ispiritwalità artistika li tinqeda bil-forma sensorja biex toħroġ f'għamla ta' oġġett dak li wieħed iħoss. Mela, fi ħdan il-gwarniċ li ffurmajna, titwieled u titrawwem il-letteratura, l-iżjed il-poeżija, li issa nistgħu fl-aspetti purament letterarji tagħha.

## IL-POEŻIJA BIT-TALJAN

Wieħed mill-eqdem poeti tas-seklu dsatax, Giuseppe Testaferrata Viani (1767-1837) jissokta t-tradizzjoni ta' poeti ta' qabel, Maltin u Taljani, li għanew il-letteratura, l-aktar fis-seklu tmintax, b'kompożizzjonijiet awgurali. Ħallielna *La Musica, un poemetto in verso toscani sciolto dedicato alla maesta' di Giorgio III del regno unito della Gran Brettania e d'Irlanda* (1805) u s-*Sonetto per il fausto arrivo in Malta sua eccellenza il governatore marchese di Hastings*. Giuseppe Depiro (1794-1870) hu mfakkar għall-*Ode al sommo pontefice Pio IX*. Cesare Vassallo (1800-1882) hu magħruf għal żewġ odi celebrattivi, *Celebrandi la sua prima messa l'illustrissimo e reverenlissimo signor canonico Don Paolo Alessio Portelli* (1827) u *Per l''incoronazione di s.m Victoria Regina d'Inghilterra* (1838). Hemm bosta oħrajn, ilkoll ta' siwi krejattiv ċkejken ħafna, iżda lkoll imqegħdin fit-tradizzjoni ta' l-odi

15. Editorjal anonimu (ta' Enrico Mizzi) f'**Malta,** 28 aprile, 1931.
16. Editorjal anonimu (ta' Enrico Mizzi) f'**Malta,** 30 aprile, 1931.
17. A. Cini: **op. cit.,** paġġ. 51-52

festevoli Taljana li minnha ma jeħdux biss il-versifikazzjoni u l-metrika, kif għamlu għall-ġeneri kollha l-poeti ta' Malta, iżda jżommu saħansitra t-tematika ħlejja ta' l-arkadiċi, bħal Metastasio, Lemene u Zappi.

Giuseppe Zammit (1802-1890), imlaqqam "Brighella", hu msemmi għaċ-*Cento Sonetti* (1846) u *Centum epigrammata latine et italice*. Fis-sunett Zammit isib sikwit forma oħra oħra ta' satira, u b'dan il-mod jersaq lejn xeħta li kellhom xi poeti Taljani, bħalma huma Lamberti u Foscolo. Fl-epigramma, miktuba sikwit b'versi senari jew kwinari, ifakkarna fil-kanzunetta metastasjana, minħabba li jpinġi ħajja ħafifa u sielma, waqt li juri ħeffa mużikali, verbali u ritmika.

(*Jissokta*)

o

# Ħmura

**Wara li qrajt is-sunett 'BJUDA'**
**ta' DUN KARM b'dewa kbira.**

Rajtek fl-għaxija x'ħin ix-xemx ħanina
Kienet nieżla tistrieħ f'baħar kaħlan,
Torbot il-gżira kollha b'ħajta fina
U tiżbogħ trufijiet is-sħab bajdan.

Rajtek riesqa mill-b'għod fil-għodu kmieni,
Ħabbara ta' jum ġdid fil-ħajja tagħna,
Tofroq is-sema ftit kemmxejn sewdieni
U tedha b'lewnek kullimkien tistagħna.

U ġmielek rajt fuq il-wardiet maltija
Imbewsa b'qtar ta' nida l-iżjed bnin,
Mifruxa fl-art qishom gliegel ta' dmija
Li xerrdu għal din l-art nies qalbenin.

'Mma l-iktar li xraqt int f'lampier sabiħ,
Tixgħel quddiem Ġesù u qima ttiH.

**PAWLU MIFSUD**